**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 338/2016**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Xuereb**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Joseph Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 105963M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talli:–

1. Nhar il-11 ta' Awwissu 2013, f'xi ħin bejn il-ħamsa ta' filgħodu (5am) u s-sebgħa w nofs u ħamsa ta' filgħodu (7:35am) ikkommetta serq ta' flus kontanti, ġojjellerija u/jew oġġetti oħra minn ġewwa residenza 45, Triq San Pawl, Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-ammont ta' €2329.37, bil-lok u bil-ħin għad-detriment ta' Giuseppe Cassar u/jew persuna/i oħra;
2. U aktar talli b'hekk kiser waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għall-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma' Joseph Xuereb bħala reċediv ta' sentenza li saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Joseph Xuereb ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li l-flejjes ordnati bħala garanzija, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-artikolu 579(2) (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti ddikjarat lil imputat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib lil appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha relattivi inkluż l-addebitu tar-reċediva skond l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, u inkluż l-addebitu relattivament għall-Art. 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, u konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat li nhar it-3 ta' Novembru 2023, Dr Jacob Magri għall-appellat, talab lil dina l-Qorti sabiex iressaq aggravju ġdid u dan għaliex jirriżulta mid-dokumenti li hemm fl-atti, li l-Avukat Ġenerali ingħata aċċess elettroniku għall-atti tal-kawza mir-Reġistratur tal-Qorti fit-22 ta' Marzu 2023 u mhux kif indikat fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Mejju 2023, sabiex b'hekk l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa *fuori termine*.

Rat li Dr. Nicholas Degaetano, għall-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu għal dak iddikjarat fir-rikors tal-appell u ċioe' li l-Avukat Ġenerali ngħata aċċess għall-atti fil-11 ta' Mejju 2023.

Semgħet ix-xhieda ta' Francesca Di Paolo, Angelo Buttigieg u Stephania Testa Calafato mogħtija nhar is-6 ta' Diċembru 2023.

Rat li wara s-smiegħ tal-imsemmija xhieda, Dr Arthur Azzopardi għall-appellat qanqal preġudizzjali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell stante li l-istess huwa ppreżentat mill-Avukat Ġenerali '*fuori termine*'.

Semgħet trattazzjoni limitatament fuq il-preġudizzjali sollevata mill-appellat.

**Ikkunsidrat:**

Illi, din is-sentenza hija limitata għal preġudizzjali sollevata mill-appellat, issa fi stadju ta' reviżjoni, dwar l-irritwalita' tar-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali fuq il-premessa illi dan ġie ntavolat oltre iż-żmien statutorju konċess mill-liġi. Illi huwa paċifiku illi s-sentenza appellata iġġib id-data tas-16 ta' Marzu 2023, filwaqt li r-rikors tal-appell ta'l-Avukat Ġenerali ġie intavolat nhar it-23 ta' Mejju 2023. L-appellat għalhekk jikkontendi illi f'dan iż-żmien żgur illi t-tnax-il jum tax-xogħol għal preżentata tal-appell iddekora, bl-Avukat Ġenerali għalhekk ma jirrispettax it-termini mogħtija lilu bil-liġi sabiex iressaq l-appell quddiem din il-Qorti. Minn naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li huwa rċieva l-atti tal-kawża mill-Qorti tal-Maġistrati fil-11 ta' Mejju 2023 u għalhekk l-appell intavolat minnu huwa *entro termine*, u dana a kuntrarju ta' dak li qed jikkontendi l-appellat.

Illi, permezz ta'l-Att V tal-2022 seħħet emenda għall-artikoli 414(1) u 417 tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw l-proċedura li trid tiġi adoperata kull darba illi l-Prosekuzzjoni f'kawża deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati turi l-intenzjoni li trid tappella minn dik is-sentenza. Dan għaliex illum bl-avvent tal-mezzi elettroniċi, fi żmien meta l-użu tal-karta u l-kitba qiegħed jiġi eradikat, il-leġislatur ħaseb sabiex itaffi mill-usanza pedantika tal-proċessi jivvjaġġaw ta' kuljum bejn l-edifiċju tal-qorti u l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, u dan kull meta il-liġi titlob illi jkun hemm in-notifika lill-Avukat Ġenerali ta' xi att, sentenza, jew addirittura proċess sħiħ li kultant jkun piuttost voluminuż, bl-atti, sentenzi u proċessi jibdew jkunu trasmessi elettronikament. Illum l-artikolu Artikolu 414(1) tal-Kodiċi Kriminali, jaqra hekk:

> **"Meta l-kawża titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li tagħti s-sentenza għandha, fuq talba bil-miktub magħmula lilha mill-Pulizija, jew mill-parti offiża notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ jew imdaħħla fil-proċeduri kif provdut fis-subartikoli (4) u (5) tal-artikolu 410, mhux aktar tard minn erbat (4) ijiem tax-xogħol mill-għoti ta' dik is-sentenza, tagħti aċċess lill-Avukat Ġenerali bil-mezzi elettroniċi, permezz tar-reġistratur, fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol minn dakinhar tat-talba, għal kopja skenjata tas-sentenza flimkien ma' kopja skenjata tal-atti tal-kawża u max-xhieda, jekk din tkun tniżżlet bil-miktub."**

Illi, ukoll l-Artikolu 417(1) tal-Kodiċi Kriminali, hekk kif emendat permezz tal-Att V tal-2022, jaqra –

**L-appell jinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali b'rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien tnax-il jum tax-xogħol, li jibdew igħaddu, għall-persuna misjuba ħatja u għall-kwerelant, mill-ġurnata tas-sentenza definittiva, u, għall-Avukat Ġenerali, minn minn dakinhar li jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għall-atti skenjati.**

Minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li seħħ is-segwenti *iter* proċedurali fir-rigward tat-trasmissjoni tal-atti:

i. <u>16 ta' Marzu 2023</u> – id-data meta ngħatat is-sentenza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr Astrid May Grima.

ii. 17 <u>ta' Marzu 2023</u> – Id-data tan-nota ntavolata mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn għarraf lil Qorti tal-Maġistrati li bi ħsiebu jappella mis-sentenza.

iii. <u>22 ta' Marzu 2023</u> – Id-data meta l-atti tal-kawża ġew mibgħuta, b'mod elettroniku, lill-Avukat Ġenerali mill-Qorti tramite' s-sistema tad-*digi-courts*.

iv. <u>11 ta' Mejju 2023</u> – Id-data meta l-Avukat Ġenerali qed jikkontendi li effettivament irċieva l-atti mir-Reġistratur tal-Qorti.

v. <u>23 ta' Mejju 2023</u> – Id-data meta ġie ntavolat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

Illi, fil-fatt, mit-testimonjanza ta' Francesca di Paolo, in rappreżentanza tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, jirrizulta li l-atti skenjati ta' dina l-kawża ġew riċevuti minnhom nhar il-11 ta' Mejju 2023, permezz ta' imejl mis-sistema tad-*digi-Courts*. Hija kompliet tispjega li l-imejl in kwistjoni m'għadiex fil-pussess tagħhom pero' u dana għaliex l-istess kienet tħassret minħabba ammont kbir ta' imejls li jirċievu. Hija minflok għaddiet sabiex tipprezenta estratt minn *spreadsheet* li tindika li l-atti odjerni waslu ġewwa l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali nhar il-11 ta' Mejju 2023. Tgħid hekk fix-xiehda tagħha:–

**"...**

**Issa aħna l- problema li qed ikollna hi, li għalkemm is-sistema tal-Qorti, turi li intbagħat, aħna ma nirċivuhiex. Aħna sirna nafu, daħlet f' Mejju din, il-probabbilta' hi, li jew ġibdilna l-attenzjoni l-ispettur li intavola in-nota, biex isir l-appell mis- sentenza, jew inkunu indunajna, ikun ġie d-diskors mill-awla u niċċekkjaw, u nindunaw li aħna ma rċivejnihiex. Din xi ħaġa li qed**

**tiġri spiss, fil-fatt aħna konna għidna lid-direttur tal-criminal courts, lil Franklin Calleja, biex javza lid-deputati kollha, biex dejjem u nenfasizza dejjem, jiċċekkjaw magħna jkunux waslu. Jiena sa dalgħodu ukoll, u anki sal-bierah. Kumpilazzjonjiet mill-Qorti, qed jgħidilhom li jkunu waslu, u għandna ma jkunux waslu. Iġifieri aħna sfortunatament, m' għandniex x' nuru bħala AG. Dik hi l- problema.**

**...''**

Illi, Angelo Buttigieg, deputat reġistratur illum addett mal-awla tal-Maġistrat Astrid May Grima jikkonferma li l-atti skenjati tal-kawża ntbagħtu mid-Deputat Reġistratur Maria Grech lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali nhar it-22 ta' Marzu 2023 fit-3:09pm, u dana bis-sistema tad-*diġi-Courts* lill-indirizz tal-imejl notifiki@attorneygeneral.mt.

Illi, *in oltre*, l-assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, Stephania Calafato Testa, spjegat is-sistema ta' kif l-atti proċesswali jgħaddu għand l-Avukat Ġenerali tramite' il-mezzi elettroniċi. Hija xehdet li l-istess jiġu skenjati ġewwa l-*iscanning lab*, imbagħad id-Deputat Reġistratur jibgħathom lill-Avukat Ġenerali mis-sistema tad-*diġi-Courts*. Hija kkonfermat ukoll li meta l-atti jintbagħtu, ikollhom l-*email notification* li dawn effettivament intbaghtu b'suċċess. Finalment, hija stqarret ukoll li fil-bidu kienet ġiet infurmata mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li kien hemm istanzi li l-Avukat Ġenerali ma kienx irċieva l-atti li jkunu ntbagħtu mill-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi mix-xiehda tal-assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Stephania Calafato Testa u minn dik tar-rappreżentant mill-Uffiċċju ta'l-Avukat Ġenerali Francesca di Paolo, jidher illi it-tħaddim tas-sistema tat-trasferiment tal-atti u sentenzi permezz tal-posta elettronika, fl-istadji inizjali tagħha, bdiet bis-sulluzzu u iltaqgħet ma' diversi intoppi. Fil-fatt id-dħul fis-seħħ tal-Att V tal-2022 ġie mifrux fuq diversi xhur għalkemm l-emenda kienet ippromulgata fl-04 ta' Frar 2022, bl-emendi għall-artikolu 414 u 417 jiġu fis-seħħ biss nhar il-31 ta' Ottubru 2022[1].

Illi, għalkemm huwa inkontestat li n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija ġiet intavolata fiż-żmien statutorju tal-erbat ijiem tax-xogħol u ċioe' nhar is-17 ta' Marzu 2023, kif

[1] Avviż Legali 109 tal-2022

inhu nkontestat ukoll li kopja skanjata tal-proċeduri odjerni intbagħtu b'mod elettroniku mir-Reġistratur tal-Qorti lill-Avukat Ġenerali ukoll fit-terminu ta' tlett ijiem tax-xogħol stabbilit fil-liġi u ċioe' nhar it-22 ta' Marzu 2023, jirriżulta madanakollu illi t-transmissjoni tal-atti kienet waħda li falliet, x'aktarx għal motiv illi l-infrastruttura elettronika fl-Uffiċċju ta'l-Avukat Ġenerali ma kenitx qed tiflaħ għall-influss qawwi ta' *data* elettronika li kien qed jiġi mibgħut lejn dan l-Uffiċċju. Kif spiss jiġri sfortunatament, jiġu promulgati liġijiet li jkunu jiswew b'mod pożittiv, madanakollu mingħajr ma qabel jkun mistħarreġ kif dik il-liġi ser titħaddem fil-prattika, biex b'hekk wara, meta l-liġi allura tkun diġa' fuq saqajha, jinqalgħu diversi ntoppi u ostakoli li jwasslu għal sulluzzu fil-mod ta' kif dik il-liġi titqiegħed fis-seħħ fil-ħajja ta kuljum, kif ġara meta ġiet adoperata din il-proċedura fejn mhux biss f'dan il-każ, iżda jidher anke f'każijiet oħra, is-sistema ma bdietx taħdem b'mod effiċjenti tant illi l-atti u l-proċessi ma kenux qed jasslu għand l-Avukat Ġenerali. Fuq kollox bil-vantaġġi kollha li ġġib magħha it-teknoloġija moderna, hemm ukoll l-iżvantaġġi li s-sistema manwali ma tirriskontax. Per eżempju, żbalji fl-*output* tal-kompjuter jistgħu jinqalgħu minn numru ta 'sorsi. Il-*hardware* jew is-*software* jistgħu jkunu difettużi jew jistgħu jiżviluppaw ħsarat meta jinteraġixxu ma' komponenti oħra f'netwerk tal-kompjuter partikolari; il-*hardware* jista' jiżviluppa ħsarat minħabba li qed jaħdem f'ambjent mhux adattat; is-*software* jista' jiġi ttestjat b'mod inadegwat u jkun fih żbalji moħbija; ħsarat jistgħu jiġu prodotti minn linji tat-telekomunikazzjoni użati għat-trasmissjoni ta' *data* bejn kompjuters f'netwerk; u l-utenti jistgħu jkunu mħarrġa b'mod inadegwat. L-iżbalji u n-nuqqasijiet li jistgħu jseħħu huma multepliċi, bil-leġislatur għalhekk, mal-promulgazzjoni tal-liġi, ma jaħsibx għal din l-evenjenza.

Illi premess dan, madanakollu l-Qorti trid tara jekk f'dan ix-xenarju kinux rispettati mill-Avukat Ġenerali t-termini legali u perentorji meta l-każ tressaq quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni, li jista jwassal għall-irritwalita' tal-appell intavolat.

Illi l-emenda li saret għall-artikolu 417 tal-Kodiċi Kriminali kienet fis-sens imfisser fl-artikolu 12 tal-Att V tal-2022 u ċioe:

> **"Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 417 tal-Kodiċi l-kliem "minn dak in-nhar li jirċievi l-atti:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn dakinhar li jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għall-atti skenjati:""**

Dan ifisser allura, illi il-bidu tad-dekors taż-żmien statutorju li issa għandu jibda mill-jum li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess elettronika għall-atti mir-Reġistratur, għandha tekwivali għal dak li kienet tgħid il-liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-emenda u ċioe' illi dan it-terminu għandu jibda jiddekori minn dak il-jum li l-Avukat Ġenerali jkun effettivament irċieva dawk l-atti. Il-bidla fis-sistema kif issir il-konsenja tal-atti lil Avukat Ġenerali ma kellhiex issarraf f'bidla fil-mod kif it-termini legali u perentorji stabbilit fl-liġi għandhom jibdew jiddekorru. Imbagħad huwa prinċipju rassodat illi **"l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux bl-ebda mod jigu injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita' u nullita' tal-proceduri** – "*Giuseppi Caruana – vs- Charles sive Charlie Psaila", Appell, 21 ta' Marzu 1997.*

Illi dan ifisser illi għalkemm ir-Reġistratur tal-Qorti kien qed jara li l-atti qed jintbagħtu bis-sistema elettronika minnu mħaddma, madanakollu ma kenitx qed issir verifika jekk dawk l-atti jkunux effettivament qed jaslu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Issa għalkemm huwa minnu li bl-emendi introdotti l-leġislatur ma taqqalx lir-Reġistratur b'din ir-responsabbiltà, madanakollu r-*ratio legis* wara in-notifika tal-atti lill-Avukat Ġenerali huwa illi dik in-notifika tkun waħda effettiva, tant illi l-liġi kif kienet qabel l-introduzzjoni ta' din l-emenda kienet tispeċifika illi t-terminu tat-tnax-il jum tax-xogħol jibda jidekorri minn dak il-jum li l-Avukat Ġenerali jirċievi l-atti, u allura, bil-fatt illi r-Reġistratur tal-Qorti ikun bagħat l-atti elettronikament, jew għall-inqas jkun qed jidher illi dawn fil-fatt intbagħtu, għandu jkun aċċertat illi l-Avukat Ġenerali jkun irċieva dawk l-atti, kif kien isir preċedentement meta l-konsenja kienet waħda fiżika, bir-*ratio legis* ma jinbidilx bl-emendi introdotti. Jikkonsewgi għalhekk, illi meta l-leġislatur qiegħed l-obbligu fuq ir-Reġistratur tal-Qorti li "jagħti aċċess", dak l-aċċess irid ikun wieħed fit-termini tal-liġi u allura jrid ikun stabbilit illi dak l-aċċess kien wieħed effettiv. Jekk kien hemm ostakolu għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' aċċess, anke jekk din kienet imputabbli lill-infrastruttura elettronika fl-Uffiċċju ta'l-Avukat Ġenerali, dan jammonta għal vjolazzjoni ta' dak id-dritt. Dan għaliex l-

obbligu li jingħata dak l-aċċess qiegħed fuq l-ispalla tar-Reġistratur tal-Qorti u mhux tal-parti.

Illi għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi illi kien ukoll nuqqas minn naħa tal-uffiċjal prosekutur li javża lill-ufficcju tal-Avukat Ġenerali bil-fatt lil ingħatat s-sentenza u ukoll bil-fatt illi huwa kien ppreżenta nota sabiex jindika l-intenzjoni tal-Prosekuzzjoni li tressaq appell sabiex dan iservi ta' avviż lir-Registratur tal-Qorti biex jibgħat kopja tal-atti u tas-sentenza lil Avukat Ġenerali, madanakollu l-liġi ma timponi ebda obbligu f'dan is-sens bin-nuqqas li jsir dan ma iwassal għall-ebda sanzjoni tal-liġi.

Illi meta l-liġi fissret illi t-terminu għall-appell għall-Avukat Ġenerali jibda jiddekorri mill-jum li huwa jirċievi l-atti minn għand ir-Reġistratur tal-Qorti, dan il-fatt proċedurali ma inbidilx bl-emenda introdotta li għalhekk għandu jwassal għal bidu tad-dekors taż-żmien f'dan il-każ mil-jum meta l-Avukat Ġenerali effettivament irċieva dawk l-atti u ċioe' fil-11 ta' Mejju 2023, sabiex b'hekk l-appell mhuwiex wieħed irritwali kif jikkontendi l-appellat.

Illi fil-fatt f'każ analogu fejn l-Avukat Ġenerali kien irċieva l-atti żmien wara li ingħatat s-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati, liema każ ġie deċiż qabel l-emendi ntrodotti ngħad hekk:

> **"Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment hekk:**
> **"Meta l-kawza titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li taghti ssentenza ghandha, fuq talba bil-miktub, maghmula lilha mill-Pulizija ... mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, tibghat lill-Avukat Generali, bil-mezz tar-registratur, fi zmien tlitt ijiem tax-xoghol minn dak in-nhar tat-talba, sentenza flimkien ma' l-atti tal-kawza u max-xiehda, jekk din tkun tnizzlet bil-miktub".**
>
> **Fil-kaz in ezami, is-sentenza appellata nghatat fil-21 ta' Novembru 2003 u n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza gietipprezentata fl-24 ta' Novembru 2003. Ir-rikors ta' appell gie pprezentat fis-26 ta' Jannar 2004, u f'dan ir-rikors l-Avukat Generali ddikjara - u dan mhuwiex kontestat - li kien ircieva l-atti tal-kawza fil-21 ta' Jannar 2004. Dan ifisser li l-atti waslu ghand l-Avukat Generali xahrejn wara li kienet inghatat is-sentenza. Filwaqt li din il-Qorti tqis tali dewmien bhala deplorevoli u tittama li nuqqas simili ma jirrepetix ruhu, l-**

**appellat xorta m'ghandux ragun fl-eccezzjoni minnu sollevata. Difatti din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta' Marzu 1983. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza, din il-Qorti tara li ma hemm ebda nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche` li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche` li l-Avukat Generali jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, l-istess Avukat Generali m'ghandux jigi penalizzat minhabba li r-Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.**

**Fil-kaz in ezami, il-Kummissarju tal-Pulizija pprezenta n-nota tieghu entru t-terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, filwaqt li l-Avukat Generali pprezenta r-rikors ta' appell entru t-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol minn dak inhar li rcieva l-atti[2].”**

Jidher illi llum dan l-intopp ġie sorvolat u dan għaliex ir-Reġistratur tal-Qorti qiegħed jara illi meta jingħata aċċess lill-Avukat Ġenerali tal-atti, dan ikun wieħed effettiv billi qed jiġi verifkat illi l-Avukat Ġenerali effettivament jkun irċieva dawk l-atti. Forsi emenda jew kjarifika fil-liġi f'dan is-sens tkun opportuna.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad il-preġudizjali mressqa mill-appellat Joseph Xuereb u tordna il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[2] Seduta ta' l-20 ta' April, 2004 Appell Kriminali Numru. 15/2004 App Nru 15/04 Il-Pulizija vs Joseph Deguara; Ara wkoll fl-istess sens: App. Krim. Il-Pulizija vs Robert Pace, 15 ta' Dicembru 1999; App. Krim. Il-Pulizija vs Mario Camilleri, 27 ta' Ottubru 2000; App. Krim. Il-Pulizija vs Natasha Mohnani, 6 ta' Gunju 2002.